**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 31 (emendati)

**Data:** Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2020
**Ħin:** 17:30
**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Marsa

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**31.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

31.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija ta' Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Jesmond Aquilina.

31.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

**31.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 30**

31.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.30.

31.2.3 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-minuti, fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**31.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 39**

| | |
|---|---|
| **31.3.1 Laqgħa tas-Sindki Frar 2020** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni iltaqat mal-Kunsill Nazzjonali tal-Volontarjat u l-NGOs sabiex tiffaċilita' l-komunikazzjoni bejn l-NGOs u l-AKL. |
| **31.3.2 Kalendarju AKL** | Il-President semma minħabba l-imxija tal-Covid 19 kien deċiż li għalissa jiġu kkanċellati s-seminars u l-attivitajiet kollha li l-Assoċjazzjoni kienet ser tagħmel. Il-president semma li hu fil-ħsieb tiegħu li d-data u l-ħinijiet tal-laqgħat skedati jibqgħu kif kienu skedati u jiġu live streamed. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li ladarba issa hemm kalendarju ta' avvenimenti għandu joħroġ tender biex ikopri servizzi li jista' jkun hemm. Il-President semma li kull laqgħa tirrikjedi rekwiżiti differenti minn laqgħa għall-oħra. Il-President talab lis-Segretarja biex toħroġ lista ta' kuntratturi li minn għandhom l-AKL talbet servizz għal-laqgħa ta' Frar u jekk hemm Membri jafu xi suppliers differenti għandhom jibgħatu l-kuntatti lill-Assoċjazzjoni sabiex jinġabru kwotazzjonijiet minn għandhom ukoll. |
| **31.3.3 Ħaddiema ta' CIES** | Il-President semma li kienu ser isiru xi intervisti imma minħabba s-sitwazzjoni preżenti kif ukoll minħabba l-vulnerabilita' li jista' jkollhom dawn l-applikanti kien deċiż li l-intervisti jiġi għalissa posposti għal kif is-sitwazzjoni tkun aktar favorevoli. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**31.3.4 Talba għal-Laqgħa mal-Onor Dr. Jose Herrera u l-Onor. Dr. Byron Camilleri**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għamlet talba għall-laqgħa mal-Onor. Dr. Herrera u l-Onor. Dr. Camilleri. Il-President semma li kif tiġi kkomunikata data jinforma lill-Eżekuttiv.

## 31.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 31

31.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Mark Grech ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Frar 2020 u l-12 ta' Marzu 2020 li kienet tammonta għall-€114,813.03.

31.4.2 Is-Sur Michael Fenech Adami talab li deskrizzjoni tas-servizzi/oġġetti mixtrija u inklużi fuq l-iskeda tal-pagamenti għandhom ikunu aktar dettaljati.

## 31.5 Prekawzjonijiet għall-Kunsilli Lokali – COVID 19

31.5.1 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li għandu pressjoni minn ċerti Kunsilli Lokali li minħabba s-sitwazzjoni preżenti talbu biex jgħalqu l-bibien u jaħdmu mid-dar. Semma li huwa jifhem li dan biex jissalvagwardjaw is-saħħa tal-ħaddiema imma huwa ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni. Is-Sur Fenech Adami talab li għandu jkun hemm gwida kif ser joperaw il-Kunsilli Reġjonali u anki l-Kunsilli Lokali sabiex mhux kulħadd jimxi għar-rasu.

31.5.2 Il-President semma li bħala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bgħatet ukoll linji gwida ta' kif il-Kunsill Lokali jista' jopera sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-kuntatt bla bżonn u jiġu salvagwardjati l-ħaddiema. Is-Sur Fava semma li l-linji gwida li ħarġet l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali saru wara konsultazzjoni mal-entitajiet li kienu ser jiġu affetwati.

31.5.5 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali anki irrekomndat li l-Kunsill għandu jaħdem bi skelton staff, semma li għandu jkun hemm skeda ta' meta l-ħaddiema jidħlu l-uffiċju u sistemi ta' kif l-kumplament jaħdmu mid-dar.

31.5.6 Il-President semma li l-Gvern Ċentrali, m' għalaq l-ebda Dipartiment għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali m' għandhomx jagħlqu f' dan il-mument fejn ir-residenti l-aktar li ser ikollhom bżonn l-għajnuna tal-Gvern Lokali. Minkejja dan, il-President qal li l-Pjattaforma YouSafe għandha tati lok biex il-ħaddiema flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jkunu jistgħu anki jaħdmu mid-dar.

31.5.7 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed taħdem u tara l-possibilitajiet li hemm biex tnidi inizjattivi li jgħaqdu lill-Kunsilli Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali f' dan il-mument.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**31.6 Tribunali fir-Reġjuni – COVID 19**

31.6.1 Is-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Paul Farrugia semmew li hemm problema bis-seduti ta' Tribunali Lokali. Semmew li l-ħaddiema ma jixtiequx li jkun esposti għal numru ta' nies kollha magħluqa f' kamra li hija pjuttost zgħira.

31.6.2 Chev. Paul Farrugia, propona li s-seduti għandhom jiġu diferiti sabiex nissalvagwardjaw is-saħħa tal-ħaddiema.

31.6.3 Il-President għamel kuntatt ma' Dr. Samuel Azzopardi biex jara mill-perspettiva legali. Dr. Azzopardi semma li t-taħrika tkun ħarġet u tiġi sospiża għal xhar u tliet ġimgħat wara wieħed jerġa' jara minħabba l-preskrizzjoni. Semma li s-seduta wara diferiment għandha ssir biex il-kontravenzzjoni ma tiġix preskirtta. Is-seduta għandha tekinkament tiġi mgħajta xorta waħda. Il-LESA toħroġ notifikazzjoni li s-seduti ġew diferiti kollha b' xhar.

31.6.4 Il-President talab lis-Segretarja tieħu nota u tinnotifika lill-Kunsilli Reġjonali b' dak li kien deċiż.

**31.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **31.7.1 Laqgħa Plenarja Ġunju 2020** | Il-President semma li peress li din ser tkun Għawdex, xtaq jinvolvi lir-Reġjun Għawdex. Semma li hemm il-ħsieb li l-attivitajiet jinqasmu fuq erbghat ijiem bejn il-Ħamis u l-Ħadd. Semma li qed jipproponu li s-suġġett ikun Sustainable mobility & transportation. Il-ħsieb huwa li jkun hemm involviment tal-Kunsilli Lokali f' Għawdex, fejn jintużaw il-pjazzez differenti u jingħlaq l-access ta' traffiku filwaqt li kull Sindku jorganizza attivita' fl-istess ħin fl-istess spost. Nuzaw shared transportation u electrical vehicles għal dawk li jitilgħu minn Malta. |
| **31.7.2 Laqgħa bejn l-AKL u National Council of Women** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni talbet laqgħa mal-NCW. Għal-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Perit Graziella Galea peress li l-Perit tkun mistiedna tattendi għal-laqgħat organizzati mill-NCW f' isem l-Assoċjazzjoni. Waqt din il-laqgħa, l-Assoċjazzjoni preżentat il-Viżjoni tagħha sabiex NCW tara fejn tista' tikkontribbwixxu f' din il-viżjoni.<br>Il-President semma li importanti li jkun hemm aktar rappreżentanza tal-AKL f' dawn il-laqgħat. Il-President |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

talab lill-Perit Galea li fejn ma tkunx tista' tattendi hija tista' tinnomina Kunsilliera biex tattendi f' isem l-Assoċjazzjoni.

**31.8 Aġġornament**

31.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 16 t' April 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.32 li nżammet nhar il-Ħamis, 16 t' April 2020.

**Mario Fava**
**President**